# KULLEĠĠ SAN BENEDITTU
## Skola Sekondarja, Ħal Kirkop

### EŻAMI TA' NOFS IS-SENA – 2015/16

Rotta 2

**IT-TIELET SENA** | **IL-MALTI** | **IL-ĦIN: SAGĦTEJN**

**L-Isem: ________________________________** **Il-Klassi: ___________**

**L-ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub.
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

**GĦALL- GĦALLIEMA**

| Taqsima | 1A | 1B | 1Ċ | 1D | 1E | 2A | 2B | 2Ċ | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marka | 10 | 5 | 10 | 5 | 20 | 10 | 10 | 10 | 80 |
| Marka tal-istudent | | | | | | | | | |

| Il-MARKI | It-Taħdit | 10 | |
|---|---|---|---|
| | Is-Smigħ | 10 | |
| | Il-Qari u l-Kitba | 80 | |
| | It-Total | 100 | |

**KUMMENTI**

___

___

___

| IS-SILTA TAL-FEHIM MILL-QARI |
|---|

**Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha**

## Is-Seħer tad-Deżert tas-Sahara



Id-deżert Sahara jinfirex fuq ħdax-il pajjiż Afrikan differenti li jinkludu l-Alġerija, it-Tuneżija u l-Libja fin-naħa ta' fuq tal-Afrika, sal-Eġittu u s-Sudan fil-Punent filwaqt li min-naħa t'isfel jasal san-Niġer (pajjiż li fuq il-mappa qiegħed eżatt fuq in-Niġerja). Min-naħa tal-Lvant id-deżert Sahara jasal sal-Oċean Atlantiku. Il-kobor tiegħu huwa ta' madwar 9 miljun kilometru kwadru, jiġifieri kemm kemm inqas mill-medda sħiħa tal-kontinent Ewropew li fih madwar 9.6 miljun kilometru kwadru. Allaħares tintilef ġo fih! *(par. 1)*

Fid-deżert il-perjodi ta' xita huma qosra ħafna. Tassew li min mejjet fis-sakra u min mejjet għal qatra. Fil-fatt jekk nagħmlu paragun żgħir, fid-deżert Sahara, il-kejl tax-xita ta' sena sħiħa jkun joqrob il-25mm filwaqt li f'Malta x-xita annwali tkun madwar 600mm. It-temperaturi huma estremi. Matul il-ġurnata t-temperatura medja hi ta' 40$^0$C u fis-sajf ġieli anki qabżet il-50$^0$C. L-ogħla temperatura reġistrata fid-deżert Sahara kienet 57.8$^0$C. Min-naħa l-oħra, billejl it-temperatura tinżel għal medja ta' 0$^0$C u fix-xitwa tinżel anki iktar minn hekk. *(par. 2)*

Id-deżerti għandhom il-fama ta' nixfa minħabba n-nuqqas kbir ta' ilma però dan ma jfissirx li l-ħajja fid-deżert hija għal kollox ineżistenti. Hemm diversità kbira ta' annimali li jistaħbew matul il-ġurnata u anki pjanti li jifjorixxu ħafna minħabba li addattaw għall-klima u l-veġetazzjoni tal-post. Fil-proċess tal-evoluzzjoni, dawn l-annimali u l-pjanti żviluppaw mezz differenti ta' kif jistgħu jkampaw fin-nuqqas ta' ilma u ikel u kif ukoll fi sħana tremenda. *(par. 3)*

L-annimali li jgħixu fid-deżert għandhom kliewi speċjalizzati biex meta jsaffu d-demm mill-ilma, jibqgħu jżommu kemm jista' jkun ilma fil-ġisem ħalli jerġa' jintuża. Il-ġemel, li huwa abbinat ħafna ma' pajjiżi Afrikani fejn hemm id-deżert, tassew addatta ruħu għal dan l-ambjent. Dan l-annimal kapaċi jżomm fih ilma u ikel u jibqa' ħaj għal bosta jiem mingħajr ma jsib x'jiekol u x'jixrob. Mhux ta' b'xejn li l-ġemel jintuża għal vjaġġi twal! *(par. 4)*

Rigward pjanti, fid-deżert insibu iktar minn 1,200 speċi li m'għandhomx problema ta' nuqqas ta' xemx! Dawn il-pjanti jkunu jistgħu jżommu l-ilma fihom, ikollhom għeruq twal ħafna u kapaċi jagħlqu l-weraq biex jitilfu inqas ilma. Mela altru li l-kaktus mhix l-unika pjanta li tgħix fid-deżert! *(par. 5)*

(Addattament minn Xehda Għasel ta' Marzu/April 2010, Pġ.14-15)

## L-EWWEL TAQSIMA: IL-LINGWA (50 marka)

### 1A. Il-Fehim it-test (10 marki)

**Wieġeb il-mistoqsijiet skont is-silta li qrajt**

1. Aqta' linja taħt **Veru** jew **Falz** (3 marki)

| | | | |
|---|---|---|---|
| a) | Il-Libja u n-Niġerja huma pajjiżi li d-deżert tas-Sahara jmiss magħhom. | Veru | Falz |
| b) | Il-ġemel huwa l-uniku annimal li nsibu fid-deżert. | Veru | Falz |
| ċ) | Il-kontinent Ewropew huwa ikbar mid-deżert tas-Sahara. | Veru | Falz |

2. Għaliex it-temperaturi fid-deżert tas-Sahara huma estremi? (*par.2*)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (marka)

3. Semmi żewġ affarijiet li juru li fid-deżert il-ħajja mhijiex għal kollox ineżistenti? (*par.3*)

a) ____________________________________________________________ (marka)

b) ____________________________________________________________ (marka)

4. X'għandhom l-annimali li jgħixu fid-deżert ħalli l-ilma ta' ġisimhom jerġa' jintuża? (*par. 4*)

______________________________________________________________ (marka)

5. Għaliex il-ġemel huwa annimal li jista' jintuża għal vjaġġi twal? (*par. 4*)

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (marka)

6.Semmi żewġ affarijiet li jgħinu lill-pjanti tad-deżert jibqgħu ħajjin fil-qilla tax-xemx. (*par. 5*)

a) ______________________________________________________ (marka)

b) ______________________________________________________ (marka)

| **1B. GĦARFIEN IL-LINGWA** | **(5 marki)** |
|---|---|

1. Sib **kelma** mis-silta li tfisser:

a) **ma teżistix** (*par. 3*): ____________________ (marka)

b) **assoċjat** (*par. 4*): ____________________ (marka)

2. **Agħżel it-tajba.** Il-kelma **Allaħares** skont kif użata f'paragrafu wieħed turi:

☐ **talba** ☐ **stagħġib** (marka)

3. Fisser fi kliemek il-qawl li hemm fit-tieni paragrafu: **Min mejjet fis-sakra u min mejjet għal qatra**.

It-tifsira: ______________________________________________________

______________________________________________________________ (marka)

4. "... jżommu l-ilma fi**<u>hom</u>**" (*par. 5*)

Għal min qed jirreferi l-pronom mehmuż **hom** fil-kelma fi**hom**?

_________________________ (marka)

| **1Ċ. Il-Grammatika** | **(10 marki)** |
|---|---|

1. Agħti **l-għerq** tal-verbi b'linja taħthom u mmarka b' (**X**) jekk il-verb hux sħiħ jew dgħajjef. (2 marki)

| | | | **Sħiħ** | **Dgħajjef** |
|---|---|---|---|---|
| a) | L-għasafar <u>itiru</u> mis-siġra. | L-għerq huwa __________. | | |
| b) | Il-ħallelin <u>tħarrbu</u> mill-ħabs. | L-għerq huwa __________. | | |

2. Imla l-vojt **b'verb addattat** mill-għerq mogħti u l-forma fil-parentesi. (4 marki)

a) Ġanni mbotta lil sħabu bil-konsegwenza li dawn _______________ (k-s-r) l-vażun. (Forma 2)

b) Fi triqtu lejn l-iskola, Mark _______________ (l-q-għ) ma' sieħbu. (Forma 8)

ċ) Meta waqajt, bil-mistħija li kelli fuqi ______________ (ħ-b-j) wara sieħbi. (Forma 10)

d) Waqt il-quddiesa aħna mistennijin li _______________ (q-r-b-n). (Kwadrilitteru Mnissel)

3. Għid ta' **liema forma** hu l-verb immarkat b'linja taħtu. (4 marki)

a) Il-kappillan <u>bierek</u> (b-r-k) id-dar tagħna. (Forma ___)

b) Il-logħba <u>ntrebħet</u> (r-b-ħ) mit-tim Taljan. (Forma ___)

ċ) Ilbieraħ il-vara <u>tqiegħdet</u> (q-għ-d) fuq il-pedestall. (Forma __)

d) Bil-marda li ħakmitha, Marija <u>sfaret</u> (s-f-r). (Forma ___)

**1D. Il-Kitba Funzjonali** **(5 marki)**

Agħżel li tikteb riklam **jew** avviż f'madwar **60-80 kelma**.

1. L-iskola se torganizza vaganza għal Londra. Ikteb riklam biex tħeġġeġ lill-istudenti jibbukkjaw għal din il-vaganza.

   (Tinsiex tikteb: titlu, it-tip ta' lukanda u l-faċilitajiet li għandha, l-ikel, il-postijiet li se żżuru, il-prezz)

**JEW**

2. L-iskola se torganizza vaganza għal Londra. Ikteb avviż dwar x'inhu mistenni li l-istudenti jieħdu magħhom u kif għandhom iġibu ruħhom.

   (Tinsiex tikteb: titlu, l-affarijiet li l-istudenti għandhom bżonn magħhom, ir-regoli li josservaw)

| **1E. Il-Komponiment Ġenerali** | **(20 marka)** |
|---|---|

Immarka ✓ ħdejn **WIEĦED** mit-titli li jolqtok u ikteb komponiment ta' madwar **250 kelma** dwaru fil-linji pprovduti.

| | | |
|---|---|---|
| 1. | **Ġurnata mhux tas-soltu.**<br>(Irrakkonta kif kienet din il-ġurnata, għid jekk kinitx ġurnata differenti għalik personali jew għall-kumplament tal-pajjiż jew tad-dinja, kif kien it-tmiem tagħha) | |
| 2. | **Dak li rajt waqt vjaġġ bil-vapur.**<br>(Iddeskrivi x'tip ta' vjaġġ kien, għid x'rajt fuq il-vapur, x'affarijiet rajt 'il barra mill-vapur) | |
| 3. | **Il-poplu Malti hu għażżien. Iddiskuti.**<br>(Iddiskuti jekk il-poplu Malti huwiex għażżien u għid għaliex, tista' tgħid li huwa poplu bieżel u għid għaliex jew saħansitra tgħid li f'ċertu sitwazzjonijiet hu għażżien u f'sitwazzjonijiet oħra huwa bieżel) | |

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**IT-TIENI TAQSIMA: IL-LETTERATURA** **(30 marka)**

**2A Referenza għall-Kuntest (Poeżija – *Nadriet 3*)** **(10 marki)**

Aqra din is-silta mill-poeżija *Pitirross* ta' Victor Fenech, u wieġeb il-mistoqsijiet kollha.

Iħares il-pitirross lejn il-miġemgħa-merħla għadhom itellgħu x-xorti fuq il-mantell ta' kulur skur. U jħoss qalbu tingħafas u sidru jħoss jiċkien. U waħdu jsamma' leħnu, kantaliena diq-dulur, li tidwi fuq il-għolja u tinżel fil-widien titbandal qalb il-friegħi bħal nieqa ta' serħien.



1. **Agħżel it-tajba.** Il-kitba *Pitirross* ta' Victor Fenech tissejjaħ: (marka)

   ☐ proża ☐ poeproża ☐ poeżija naturali

2. **Agħżel it-tajba.** Għal min qed jirreferi l-poeta meta juża l-frażi "miġemgħa-merħla"? (2 marki)

   ☐ għan-nagħaġ ☐ għall-bnedmin ☐ għall-mogħoż

3. *"... U jħoss qalbu tingħafas u*
   *sidru jħoss jiċkien."*

   **Agħżel it-tajba.** Liema figura tad-diskors naraw f'dawn il-versi? (marka)

   ☐ metafora ☐ similitudni ☐ apostrofi

   Għaliex taħseb li jużaha l-poeta?

   ______________________________________________________________________

   ______________________________________________________________ (2 marki)

4. Semmi raġuni għaliex taħseb li l-pitirross huwa daqstant imdejjaq.

   ______________________________________________________________________

   ______________________________________________________________ (2 marki)

5. Liema kelma mis-silta t'hawn fuq turina li l-pitirross hu ppersonifikat?

__________________________ (2 marki)

| **2B. Il-Poeżiji minn *Nadriet 3*** | **(10 marki)** |
|---|---|

**Wieġeb din il-mistoqsija dwar il-poeżiji f'madwar 100-120 kelma.**

**Il-bejjiegħ tal-gazzetti** kellu lil ommu f'ħajtu waqt li Rużar Briffa, fil-poeżija ***Waħdi,*** kellu l-poeżija f'ħajtu. Ikkummenta dwar il-ħajja tal-bejjiegħ tal-gazzetti u xi tfisser l-omm għalih u l-ħajja ta' Rużar Briffa u xi tfisser il-poeżija għalih.

(Bħala għajnuna tista' ssemmi:
*Il-Bejjiegħ tal-Gazzetti* ta' Ġorġ Borg – kif il-bejjiegħ kien iqis lil dawk li ma kinux jixtru mingħandu f'kuntrast m'ommu li wkoll ma kinitx tixtri gazzetti.
*Waħdi* ta' Rużar Briffa – il-poeta li kien waħdu fi tfulitu, iż-żmien sabiħ li għadda malajr, kif għenitu l-kitba tal-poeżija.)

__________________________________________________________________ (10 marki)

## 2Ċ. In-Novelli minn *Stejjer Għal Qabel Jidlam* (10 marki)

1. Għid min miet u kif miet fin-novella *Il-Festa tan-Nar*?

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

2. X'irnexxielu jakkwista n-narratur meta daħal fl-isqaq u ltaqa' mar-raġel tal-krozzi?

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

3. Agħżel mistoqsija **waħda** u wieġeb **f'60-70 kelma**.

   a) Tkellem dwar is-sens tal-faqar u l-problemi li ġab miegħu għall-familja ta' Bertu fin-novella *It-Tifel tal-Baħar*.

   (Bħala għajnuna tista' ssemmi: it-tip ta' dar li kienu jgħixu fiha, jekk kellhomx flus, it-tip ta' xogħol ta' Bertu, kemm kien idum max-xatt, jekk kienx jaħdem fil-maltemp.)

**JEW**

   b) Tkellem dwar is-solitudni u l-problemi fil-ħajja ta' Barabba.

   (Bħala għajnuna tista' ssemmi: għal xiex kien qed jipprepara Barabba f'ħajtu, kif kienu jħarsu lejh in-nies, x'ġara fil-festa, x'tip ta' dar kellu.)

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (6 marki)

**TMIEM IL-KARTA**